Rettifika tad-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 138 tat-26 ta' Mejju 2016)

Fil-paġna 134, fl-Artikolu 33, paragrafu 1,

minflok: "1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-Artikoli 2, 3, 4, l-Artikoli 8 sa 11, l-Artikolu 12(5), l-Artikolu 15(3), l-Artikoli 16 sa 19, l- Artikolu 21(2), l-Artikolu 23(3) u (7), l-Artikolu 24(2), l-Artikolu 26(3) u l-Annessi II u III sas-16 ta' Ġunju 2019. Għandhom jikkomunikaw immedjatament it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.",

aqra: "1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-Artikoli 2, 3, 4, l-Artikoli 8 sa 11, l-Artikolu 12(5), l-Artikolu 15(3), l-Artikoli 16 sa 19, l-Artikolu 21(2), l-Artikolu 22(3) u (7), l-Artikolu 23(3), l-Artikolu 24(2), l-Artikolu 26(3) u l-Annessi II u III sas-16 ta' Ġunju 2019. Għandhom jikkomunikaw immedjatament it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.".

Rettifika għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1505 tal-Kummissjoni tat-8 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-formati tekniċi marbutin mal-listi ta' fiduċja skont l-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 235 tad-9 ta' Settembru 2015)

F'paġna 28, fl-Anness I, fit-tieni paragrafu tal-intestatura Scheme name (il-klawżola 5.3.6), tal-Kapitolu II:

minflok: "'EN_name_value' = 'Lista ta' fiduċja li tinkludi informazzjoni marbuta mal-forniturі ta' servizzi ta' fiduċja kkwalifikati li huma ssorveljati mill-Istat Membru emittenti, flimkien mal-informazzjoni marbuta mas-servizzi fiduċjarji kkwalifikati li dawn jipprovdu, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti stipulati fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE.'",

aqra: "'EN_name_value' = 'Trusted list including information related to the qualified trust service providers which are supervised by the issuing Member State, together with information related to the qualified trust services provided by them, in accordance with the relevant provisions laid down in Regulation (EU) No 910/2014 of the European Parliament and of the Council of 23 July 2014 on electronic identification and trust services for electronic transactions in the internal market and repealing Directive 1999/93/KE.'".

F'paġna 28, fl-Anness I, fil-paragrafu (a) tal-intestatura Scheme information URI (il-klawżola 5.3.7) tal-Kapitolu II:

minflok: "(a) Informazzjoni introduttorja komuni għall-Istati Membri kollha dwar l-ambitu u l-kuntest tal-lista ta' fiduċja, l-iskema sottostanti ta' superviżjoni u, fejn ikun applikabbli, l-iskema/i ta' approvazzjoni nazzjonali (jiġifieri ta' akkreditazzjoni). It-test komuni li għandu jintuża huwa dak t'hawn taħt, fejn is-sensiela ta' karattri '[*isem l-Istat Membru rilevanti*]' għandha tinbidel b'isem l-Istat Membru rilevanti:

'Din il-lista hija l-lista ta' fiduċja li tinkludi informazzjoni marbuta mal-forniturі ta' servizzi ta' fiduċja kkwalifikati li huma ssorveljati minn [*isem l-Istat Membru rilevanti*], flimkien mal-informazzjoni marbuta mas- servizzi fiduċjarji kkwalifikati li dawn jipprovdu, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti stipulati fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s- servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE.

L-użu transfruntier tal-firem elettroniċi ġie ffaċilitat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/767/KE tas- 16 ta' Ottubru 2009, li stabbiliet l-obbligu li l-Istati Membri jistabbilixxu, iżommu u jippubblikaw listi ta' fiduċja li jinkludu informazzjoni marbuta mal-forniturі ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni li joħorġu ċertifikati kkwalifikati lill-pubbliku skont id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettroniċi, u li huma ssorveljati jew akkreditati mill-Istati Membri. Din il-lista ta' fiduċja hija t-tkomplija tal-lista ta' fiduċja stabbilita permezz tad-Deċiżjoni 2009/767/KE.'",